StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** _______________

## Taqsima A

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**

1. Lil min għażel Alla biex imexxi lill-Poplu Lhudi 'l barra mill-Eġittu?

_________________________________________________________________ (2 marki)

2. Semmi żewġ modi kif Alla wera l-imħabba tiegħu lejn il-Poplu Lhudi matul il-mixja fid-deżert.

_________________________________________________________________ (2 marki)

3. X'kien ix-xogħol tal-profeti fit-Testment il-Qadim?

_________________________________________________________________ (2 marki)

4. Id-dnub ġab diversi firdiet fil-ħajja tal-bniedem. Semmi tnejn minnhom.

_________________________________________________________________ (2 marki)

5. Għaliex dawk li kitbu l-Bibbja nqisuhom bħala veru awturi?

_________________________________________________________________ (2 marki)

6. Semmi żewġ mirakli li għamel Ġesù ma' min wera fidi fih.

_________________________________________________________________ (2 marki)

7. Semmi parabbola li qal Ġesù biex jgħallimna kif għandna nħobbu lil xulxin.

_________________________________________________________________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. Liema ġrajja hi l-akbar prova li Ġesù mhux biss bniedem imma wkoll Alla?

_______________________________________________________________ (2 marki)

9. Semmi żewġ provi li ta Ġesù lill-appostli wara li qam mill-mewt biex huma jemmnu li 'hu ħaj'.

_______________________________________________________________ (2 marki)

10. It-Testment il-Qadim jitkellem fuq il-poplu t'Alla.
Min huwa l-Poplu t'Alla llum?

_______________________________________________________________ (2 marki)

**Taqsima B**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi timla l-kolonna l-vojta tan-nofs bin-numri minn 1 sa 10. (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Abraham | | wiegħed li jrodd lura dak li seraq. |
| 2 | Mosè | | kien profeta fi żmien l-eżilju. |
| 3 | Salamun | | qaleb il-Bibbja kollha għall-Malti mill-ilsna oriġinali. |
| 4 | Iżaija | | ġie salvat mill-ilma tax-xmara Nil. |
| 5 | Pietru | | huwa l-mexxej preżenti tal-Knisja Kattolika. |
| 6 | Levi (Mattew) | | "Mur u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed." |
| 7 | Żakkew | | minn pubblikan sar appostlu ta' Ġesù. |
| 8 | L-adultera | | fi żmien ir-renju tiegħu nbena t-tempju ta' Ġerusalemm. |
| 9 | Benedittu XVI | | kellu jmexxi l-appostli wara li Ġesù tela' s-sema. |
| 10 | Mons. P.P. Saydon | | Alla qallu jitlaq minn art twelidu lejn art li kellu jurih. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima Ċ** **(10 ma**

**Ikteb sentenza biex turi li taf xi jfissru dawn il-kelmiet.**

1. Il-Bibbja:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Iċ-Ċelibat:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Il-Koran:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. L-Ispirazzjoni:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Il-Volontarjat:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **(20**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

*"Hu, bil-ministeru tal-Knisja, jaħfirlek u jagħtik is-sliem. U jiena naħfirlek dnubietek, fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."*

Wieġeb:

1. F'liema sagrament nisimgħu s-saċerdot igħid dan il-kliem?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Agħti isem ieħor li nużaw biex nirriferu wkoll għal dan is-sagrament.

_______________________________________________(marka)

3. Fisser kif għandek tipprepara ruħek biex tirċievi dan is-sagrament.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (10 marki)

4. Meta Ġesù ta s-setgħa lill-appostli biex jamministraw dan is-sagrament?

_______________________________________________(2 marki)

5. X'bidla jġib fina dan is-sagrament?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

6. Għaliex hemm bżonn li nersqu għand saċerdot biex din il-bidla sseħħ?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima E** **(40**

**Agħżel żewġ mistoqsijiet minn dawn l-erbgħa li ġejjin u wieġeb fit-tul fuq ka... separata.**

1.*"Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità.*

*U kull min iħobb il-verità jisma' leħni."*

(a) X'differenza għamlet il-preżenza ta' Ġesù f'dawn il-ġrajjiet:

(i) it-tieġ ta' Kana (5 marki)

(ii) il-ħajja ta' Żakkew (5 marki)

(b) Ikteb dwar id-differenza li jagħmel Ġesù fil-ħajja ta' dawk li jaċċettawh f'ħajjithom. (10 marki)

2. *"Int Pietru u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi."*

(a) Ġesù waqqaf il-Knisja permezz tal-Appostli.

Kif għadu jaħdem Ġesù fid-dinja permezz tal-Knisja? (6 marki)

(b) Irrakkonta parabbola li fiha Ġesù jagħtina tixbiha tal-Knisja. (xibka, għalqa, żerriegħa tal-mustarda...) (8 marki)

(ċ) Fisser kif it-tagħlim li ried jagħti Ġesù b'din il-parabbola, għadu jgħodd għall-Knisja llum. (6 marki)

3. *"Dan hu ġismi li jingħata għalikom: Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."*

(a) Irrakkonta l-ġrajja kif Ġesù waqqaf l-Ewkaristija fl-aħħar Ċena. (6 marki)

(b) Ikteb paragrafu qasir dwar dawn il-partijiet tal-quddiesa:

(i) Il-qari tal-Kelma t'Alla (4 marki)

(ii) It-Tqarbin (4 marki)

(ċ) Għaliex għandna bżonn l-Ewkaristija fil-mixja tagħna lejn Alla? Agħti żewġ raġunijiet u fissirhom. (2 x 3 = 6 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. *“Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art.”*

(a) Irrakkonta kif Alla ħalaq id-dinja, skont il-ktieb tal-Ġenesi. (6 marki)

(b) X’ried jgħallem l-awtur tal-Ġenesi bir-rakkont tal-ħolqien? (8 marki)

(ċ) X’wiegħed Alla lill-bniedem wara li dan kiser il-pjan ta’ mħabba li Alla kien fassal għall-bnedmin kollha? (3 marki)

(d) Meta u kif seħħet din il-wegħda? (3 marki)

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers